MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Avviz Numru. 582/2005

**Avviz numru 582/05 DM**

**Dilja Car Imports Limited**

**Vs**

**Borg George et**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltin (LM 3,600), ammont rapprezentanti import ta' sitta u tletin kambjala regolarment skaduti u dovuti, li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma' deherux sabiex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat il-kambjali originali esebiti permezz ta' nota fil-21 ta' April, 2006, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltin (LM 3,600) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b' effett mill-20 ta' Dicembru, 2005; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------